**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni tal-Familja**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum, 4 ta' Frar 2020**

**Rikors numru:- 32/2019 BS**

**AA**

**-vs-**

**BB**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' AA fejn espona:

*"Illi l-partijiet zzewgu CC fis-6 ta' Mejju elf disa' mija erbgha u disghin (1994).*

*Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ghandhom zewgt itfal u cioe' DD u EE li t-tnejn lahqu lmaggior eta'.*

*Illi l-partijiet huma legalment separati u dana permezz ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet nhar il-5 ta' Awwissu 2015 li kopja tieghu qed tigi annessa u markata dokument A izda ilhom separati de facto ghal zmien ferm iktar minn hekk u dana anke kif jirrizulta mir-rikors tal-partijiet li sar fl24 ta' Lulju 2014 li kopja tieghu qeghdha tigi hawn annessa u markata Dokument B.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li lhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

*Ghaldaqstant l-istess rikorrent umilment talab illi din l-Onorabbli Qorti joghġobha:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-ligi;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw illi ma hemmx pendenzi bejniethom, ma hemmx tama ghal rikonciljazzjoni u illi t-tnejn jaqblu illi jkun hemm id-divorzju ;

Rat id–dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**PROVI**

Fir-rikors guramentat l-attur iddikjara illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta Mejju, 1994 u kienu ottjenew is-separazzjoni personali fil-05 ta' Awissu 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Irrizulta illi minn dan iz-zwieg li l-partijiet kellhom zewgt itfal illum it-tnejn maggorenni.

Il-partijiet iddikjaraw seduta stante illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalu illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Dritt**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

**66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]**

**66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:**

**(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għall-perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin middata tas-separazzjoni legali; u**

**(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u**

**(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:**

**Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]**

**Ikkunsidrat:**

Jirrizulta illi:

i) l-partijiet kienu zzewgu fis-6 ta' Mejju 1994. Minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal illum it-tnejn maggorenni;

ii) l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech, li jgib id-data 05 ta' Awissu 2015[1] ;

iii) m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

In oltre fid-dawl tad-dikjarazzjoni konguntiva tal-partijiet seduta stante il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti milligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

---

[1] A fol 4 tal-process

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja iddivorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar milllum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur